II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2021/996

tal-21 ta' Ġunju 2021

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal- Belarussja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 ([2]) jipprevedi l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi u jipprojbixxi li fondi jew riżorsi ekonomiċi jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' persuni, entitajiet jew korpi responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem jew għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika, jew li l-attivitajiet tagħhom b'xi mod ieħor idgħajfu serjament lid-demokrazija jew lill-istat tad-dritt fil-Belarussja jew li jappoġġaw ir-reġim ta' Lukashenka jew jibbenefikaw minnu. Jipprojbixxi wkoll l-għoti ta' assistenza teknika marbuta mal-oġġetti u mat-teknoloġija elenkati fil-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea jew marbuta mal-forniment, mal-manifattura, mal-manutenzjoni u mal-użu ta' tali oġġetti. Ir-Regolament jimponi l-projbizzjoni tal-esportazzjoni ta' tagħmir li jista' jintuża għar-repressjoni interna fil-konfront ta' kwalunkwe persuna, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja, u jipprojbixxi l-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija, finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati. Barra minn hekk, jipprojbixxi lit-trasportaturi tal-ajru Belarussi milli jitilqu mit-territorju tal-Unjoni, milli jinżlu fih jew milli jtiru fuqu.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 765/2006 jagħti effett lill-miżuri previsti fid-Deċiżjoni 2012/642/PESK.

(3) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1002 ([3]) tintroduċi ċerti dežinjazzjonijiet li għandhom fil-mira l-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Mejju 2021 wara l-inżul ta' emerġenza illegali ta' titjira intra-UE ta' Ryanair f'Minsk, il-Belarussja, fit-23 ta' Mejju 2021. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1001 ([4]) temenda d-Deċiżjoni 2012/642/PESK billi tintroduċi ċerti derogi ġodda għall-iffriżar ta' fondi u l-projbizzjoni li fondi jew riżorsi ekonomiċi jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' persuni jew entitajiet elenkati sabiex jiġu evitati konsegwenzi mhux mixtieqa ta' dawk id-dežinjazzjonijiet ġodda. Dawk id-derogi jikkonċernaw titjiriet għal skopijiet umanitarji, għall-evakwazzjoni jew ir-ripatrijazzjoni ta' persuni, jew għal inizjattivi li jipprovdu appoġġ lill-vittmi ta' diżastri naturali, nukleari jew kimiċi, għall-attendenza f'laqgħat bl-objettiv li tinstab soluzzjoni għall-kriżi fil-Belarussja jew li jiġu promossi l-objettivi ta' politika tal-miżuri restrittivi, u titjiriet ta' emerġenza kif ukoll kwistjonijiet ta' sikurezza tal-ajru. Dawk id-derogi jeħtieġ li jiġu riflessi fir-Regolament (KE) Nru 765/2006.

([1]) ĠU L 285, 17.10.2012, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 tat-18 ta' Mejju 2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Bjelorussja (Belarussja) (ĠU L 134, 20.5.2006, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1002 tal-21 ta' Ġunju 2021 li timplimenta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja (ara paġna 70 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1001 tal-21 ta' Ġunju 2021 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja (ara paġna 67 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

(4) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 765/2006 jiġi emendat skont dan.

(5) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ minnufih,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 765/2006, huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, kif indikati fis-siti tal-Internet elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew iqiegħdu għad-dispożizzjoni ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi taħt dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi kkonċernati huma:

(a) meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet bażiċi ta' persuni elenkati fl-Anness I u l-membri tal-familja dipendenti fuqhom, inklużi ħlasijiet għal oġġetti tal-ikel, kera jew ipoteka immobiljari, mediċini u kura medika, taxxi, poloz tal-assigurazzjoni, u l-ħlasijiet għall-użu ta' servizzi pubbliċi;

(b) maħsuba esklużivament għall-ħlas ta' tariffi professjonali raġonevoli u għar-rimborż ta' spejjeż li jsiru li huma assoċjati mal-provvista ta' servizzi legali;

(c) maħsuba esklużivament għall-ħlas ta' tariffi jew imposti għal servizzi ta' kustodja jew ġestjoni normali ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati;

(d) maħsuba esklussivament għall-ħlas ta' imposta meħtieġa għal wieħed minn dawn li ġejjin:

  (i) l-operat ta' titjiriet għal skopijiet umanitarji, għall-evakwazzjoni jew ir-ripatrijazzjoni ta' persuni, jew għal inizjattivi li jipprovdu appoġġ lill-vittmi ta' diżastri naturali, nukleari jew kimiċi;

  (ii) l-operat ta' titjiriet fil-qafas ta' proċeduri ta' adozzjoni injternazzjonali;

  (iii) l-operat ta' titjiriet meħtieġa għall-attendenza f'laqgħat bl-objettiv li tinstab soluzzjoni għall-kriżi fil-Belarussja jew li jiġu ppromossi l-objettivi politċi tal-miżuri ristrettivi; jew

  (iv) inżul, tlugħ jew titjir li jgħaddi minn fuq it-territorju minn trasportatur tal-ajru tal-UE, f'każ ta' emerġenza; jew

(e) meħtieġa biex jiġu indirizzati kwistjonijiet urġenti u identifikati b'mod ċar dwar is-sikurezza tal-ajru u wara konsultazzjoni minn qabel mal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea.".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-21 ta' Ġunju 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BORRELL FONTELLES